# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Kawża Numru 5**

**Ċitazzjoni Numru 1251/94MCH**

Paul **FIORENTINO** u Josephine Fiorentino u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' April, 2003, Rita Bacica u Steven Michael Bacica ġew awtorizzati jassumu l-atti tal-kawża minflok Paul Fiorentino u Josephine Fiorentino; u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2018, l-Avukat Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil inħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-attur Steven Michael Bacica, assenti minn Malta

vs

David **JONES** bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta` Grove Enterprises Limited u b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2013, Emanuel u Josephine Calleja intervenew fil-proċeduri *in statu et terminis*

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intervenuti fil-kawża Emanuel u Josephine miżżewġin Calleja minn degriet mogħti mill-Ewwel Qorti

fil-5 ta' Novembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet talba magħmula mill-istess intervenuti fil-kawża miżżewġin Calleja f'rikors tagħhom tal-21 ta' Ġunju, 2013[1], biex jitħallew iressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar il-każ fortuwitu, imma laqgħet talba oħra magħmula minnhom fl-istess rikors biex jitħallew iqajmu l-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi fil-mertu tal-kawża;

2. Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li ikkunsidrat li:

> *"tirreferi għal pronunzjament fil-kawża* **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et** *(PA 29/10/2010) fejn għamlet riassunt ta' dawn il-prinċipji li jirregolaw il-materja u qalet hekk:*
>
> > *'Għalhekk, in suċċint, il-pożizzjoni ta' l-intervenut fil-kawża a distinzjoni tal-kjamat in kawża, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob għall-ħlas ta' l-ispejjeż tiegħu u anqas jista' jiġi ikkundannat għall-ispejjeż. L-intervenut ma jistax jiġi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut fil-kawża u viċe versa u normalment ma tistax sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawża. L-intervenut fil-kawża għandu jkollu interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu. Hu jista' jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Hu m'għandux id-dritt li jippreżenta eċċezzjonijiet ġja deċiżi. Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap. 12 dwar il-kjamat in kawża jingħad li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull konvenut ieħor u li bħala tali għandha jedd tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawża. L-intervenut ma jsirx*

[1] Paġġ. 560 – 3 tal-proċess

> *leġittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'liġi espressa kunsidrat konvenut fil-kawża. Il-Qorti għandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża u għalhekk tiddeċiedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.'*

"*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis illi għandha tintrabat magħhom biex tirregola dak li jista' u ma jistax jagħmel l-intervenut.*

"*Bla dubju l-intervenuti għandhom interess ġuridiku dirett u soġġettiv f'dawn il-proċeduri billi d-deċiżjoni ser taffettwa l-proprjeta' li tagħha huma proprjetarji. Kif intqal fis-sentenza* ***Testaferrata Bonici et vs Micallef et****, (App Inf 10/01/2007):*

> *'Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l-istess oġġett sostanzjali tal-kawża, dan jiġġustifika dak li mill-prattiċi huwa denot bħala "simultaneus processus"';*

"*Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (***Kollez. Vol. XVI P I p 117***). Huwa veru illi skond il-vot tal-liġi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il-proċediment. B'danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (***Kollez. Vol. XXXII P I p 477***). Minn dan jitnissel illi ladarba akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anke*

*billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara "***Joseph Galea -vs- Alfred Cardona***", Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f' din kompendjata;*

"*Pero qua intervenuti huma qed jiddaħħlu fil-kawża fl-istat u fażi li fih tkun tinsab il-kawża llum. Jidher mill-verbali tal-Qorti illi l-provi huma magħluqa, ġia' sar rapport peritali u għadda l-fażi tal-eskussjoni tiegħu. Il-Qorti mhix tinnega lill-intervenuti jagħmlu sottomissjonijiet fuq il-provi u atti miġbura pero' dak li qed jitolbu l-intervenuti imur oltre dan. Huma qed jitolbu li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri għat-talba prinċipali, f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri.*

"*Hi l-fehma tal-Qorti illi tali eċċezzjonijiet skond il-liġi jistgħu isiru jekk dawn huma perentorji u li jistgħu isiru f'kull fażi tal-proċediment altrimenti ebda eċċezzjoni oħra oltre dawk li ngħataw tal-kawza ma tista' tingħata jekk ma jkunx hemm il-permess tal-Qorti. F'dan il-każ il-provi jinsabu magħluqa u l-intervenut qed jittenta jressaq eċċezzjoni ulterjuri fil-mertu tal-każ fortuitu naxxenti mid-diskrepanzi li rriżultaw bejn il-pjanti u l-bdil fl-allenjament. Din l-eċċezzjoni mhix waħda perentorja iżda tirrigwarda l-mertu. Ma jistax jingħad li din kienet xi eċċezzjoni li ma setgħetx titqajjem ħlief f'dan l-istadju meta l-fatti kienu li kienu u l-intervenut, li mhux parti fil-kawża, jista' biss iqajjem kwistjonijiet permissibbli fl-istadju li hu jkun daħal fil-proċeduri. F'dan l-istadju ma hemmx raġuni skond l-artikolu 728 u 731 tal-Kap. 12 għaliex eċċezzjoni ulterjuri fil-mertu għandha titħalla titqajjem, meta l-konvenut stess li kellu interess ma qajjimhiex meta kellu kull opportunita' fl-istadju li kien għadu miftuħ għalih li jqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri kif jispeċifika anki l-artikolu 158(11) u din l-eċċezzjoni setgħet titqajjem minnu;*

"*Aktar minn hekk pero' l-Qorti tirraviża illi l-intervenut ilu sid il-fond mertu ta' din il-kawża sa mill-2005 u naqas li jaderixxi ruħu ma' dak stipulat fil-kuntratt tal-akkwist tiegħu fejn hu stess aċċetta li jintervjeni fil-kawża u naqas li jagħmel hekk meta kien għadu għaddej il-ġbir tal-provi quddiem il-periti ġudizjarji;*

"*In kwantu pero' għall-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku tal-atturi, din hi eċċezzjoni li minn natura tagħha, jekk ġustifikata tistronka l-azzjoni nfisha fil-konfront tal-konvenut u b'konsegwenza kull effett li jista' jkollha fuq l-intervenuti li huma partijiet intimament interessati fl-eżitu tal-proċeduri billi tolqot il-*

*proprjeta' li huma akkwistaw. Tali eċċezzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju u għalhekk din il-Qorti qed tippermettiha.....*";

3. Illi l-intervenuti fil-kawża ressqu rikors fil-11 ta' Novembru, 2013[2], għall-finijiet tal-artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bih talbu lill-Ewwel Qorti tawtoriżżahom jappellaw mill-imsemmi degriet;

4. Illi fis-26 ta' Novembru, 2013, l-Ewwel Qorti awtoriżżat lill-intervenuti fil-kawża biex jappellaw mill-imsemmi degriet;

5. Fl-10 ta' Diċembru, 2013, l-intervenuti fil-kawża ressqu r-Rikors tal-Appell fir-rigward ta' dik il-parti tad-degriet impunjat li ċaħdilhom it-talba li jressqu eċċezzjoni ulterjuri fil-mertu;

6. Bdegriet tal-24 ta' Awwissu, 2017, din il-Qorti qiegħdet l-appell għas-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2017;

7. B'degriet tat-13 ta' Marzu, 2018, inħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-appellat Stephen Michael Bacica, li jinsab barra minn Malta;

8. Il-Kuraturi Deputati ressqu Tweġiba fis-17 ta' April, 2018, li biha laqgħu għall-appell tal-intervenuti fil-kawża billi, fl-ewwel lok, qalu li ma kinux edotti mill-fatti tal-kawża. Fit-tieni lok, qalu li ladarba kienu l-intervenuti nfushom li għażlu li jidħlu fil-kawża jaqa' fuqhom il-piż li jikkonvinċu lil din il-Qorti biex tibdel id-degriet appellat tal-Ewwel Qorti. Fit-tielet lok, opponew għat-talba tal-appellanti intervenuti fil-kawża billi qalu li s-smigħ ta' din il-kawża ilu aktar minn għoxrin sena għaddej u, f'kull każ, il-fażi tal-ġbir tal-provi ilu magħluq għall-partijiet kollha, magħduda l-istess intervenuti;

9. Il-partijiet l-oħrajn baqgħu ma ressqu l-ebda Tweġiba, minkejja li laqgħu n-notifika tar-Rikors tal-Appell;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

11. Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

12. Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[2] Paġġ. 568 – 9 tal-proċess

13. Illi l-eċċezzjoni ulterjuri (minn issa 'l hemm imsejħa "l-eċċezzjoni") li l-appellanti riedu lill-Ewwel Qorti tħallihom iressqu kienet tgħid li "kull diskrepanza eżistenti bejn il-pjanti u l-istat attwali tal-*plots* hi biss riżultat ta' *alignment* u għalhekk frott ta' każ fortuwitu li ma jistax jaħti għalih il-konvenut jew l-intervenut";

14. Illi l-appellanti jressqu żewġ aggravji mill-provvediment appellat li ċaħħadhom milli jitħallew iressqu l-eċċezzjoni. Fl-ewwel lok, huma jilmintaw li, filwaqt li l-Ewwel Qorti qieset li l-uniċi eċċezzjonijiet ulterjuri li setgħu jitħallew iqajmu bħala intervenuti f'dak l-istadju riedu jkunu eċċezzjonijiet perentorji bħal dawk li jistgħu jitqajmu f'kull waqt tas-smigħ tal-kawża, ma jaqblux li l-eċċezzjoni proposta minnhom ma kinitx waħda li taqa' taħt dik l-għamla ta' eċċezzjonijiet. Fit-tieni lok, huma jħossuhom aggravati wkoll mill-imsemmi provvediment billi jgħidu li, hija x'inhija l-għamla tal-eċċezzjoni li riedu jqajmu, l-Ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li ma ħallithomx iressquha;

15. Illi bl-**ewwel aggravju** tagħhom l-appellanti jgħidu li l-eċċezzjoni, li titkellem dwar il-każ fortuwitu, jmissha titqies bħala waħda perentorja, billi hija maħsuba biex toqtol l-azzjoni attriċi b'mod definittiv. Jgħidu li, għalhekk, l-Ewwel Qorti ma qalitx sewwa meta qieset l-eċċezzjoni bħala waħda dilatorja. Jilmintaw li l-Ewwel Qorti qieset li eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, u għalhekk legali, jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża, filwaqt li eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu ma jistgħux. Iqisu li dik il-klassifikazzjoni li saret mill-Ewwel Qorti mhijiex sorretta mil-liġi u mhijiex fil-fatt id-distinzjoni li jmissha ssir sabiex wieħed jara jekk eċċezzjonijiet ulterjuri għandhomx jitħallew jitressqu;

16. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Lil hinn mill-kwestjoni dwar il-jeddijiet li l-liġi tagħti lil min jintervjeni fil-kawża "*in statu et terminis*", din il-Qorti temmen li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tqis it-talba tal-intervenuti biex jitħallew iressqu l-eċċezzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 728(1), 731 u 732(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Illi, kif sewwa rilevat mill-Ewwel Qorti, bħala regola, kull eċċezzjoni, kemm jekk dilatorja u kif fil-mertu, kellha tingħata man-Nota tal-Eċċezzjonijiet jew mat-Tweġiba Maħlufa, skond il-każ[3]. Din ir-regola ma tgħoddx fir-rigward ta' eċċezzjonijiet li, bil-liġi, jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-

[3] Art. 728(1) tal-Kap 12

kawża jew dwar eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt is-smigħ tagħha[4]. L-ebda eċċezzjoni oħra ma tista' titqajjem f'waqt ieħor tal-kawża jekk mhux bil-permess tal-Qorti u dan wara li tkun soddisfatta li ngħatawlha raġunijiet tajba għaliex dawk l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet jew fit-Tweġiba[5]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma jgħoddux lanqas id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(11) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi t-talba tal-appellanti saret wara li l-intimati kienu għalqu l-provi tagħhom u wara li r-rapport tal-periti ġudizzjarji kien tressaq u nħalef;

18. Illi filwaqt li l-artikolu 728(1) tal-Kapitolu 21 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf bejn eċċezzjonijiet dilatorji u dawk dwar il-mertu, huwa fl-artikolu 732 li jissemmew l-eċċezzjonijiet perentorji u kif u meta jistgħu jitqajmu jew jitqiesu rinunzjati. L-artikolu 730 isemmi lista tassattiva ta' eċċezzjonijiet (wħud minnhom dilatorji u wħud minnhom perentorji) li dwarhom qorti trid tagħti sentenza b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu;

19. Illi b'eċċezzjoni dilatorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni li hija maħsuba li ttawwal jew tissospendi l-mixja 'l quddiem ta' kawża, filwaqt li b'eċċezzjoni perentorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni maħsuba li toqtol l-azzjoni. Iżda din id-distinzjoni mhijiex biżżejjed, għaliex huwa magħruf li eċċezzjoni tista' tkun dilatorja tal-mertu (f'liema każ issir perentorja tal-ġudizzju u toqtol il-proċediment billi l-parti mħarrka tinħeles milli tibqa' aktar fil-ġudizzju, bla ma toqtol il-jedd innifsu li l-azzjoni tista' terġa' titressaq mill-ġdid) jew dilatorja tal-ġudizzju (f'liema każ il-mixi ta' kawża jitwaqqaf sakemm ma jitneħħewx iċ-ċirkostanzi li jxekkluha milli tkompli tinstema', imma ma joqtlux l-istess kawża). Min-naħa l-oħra, eċċezzjoni tista' tkun perentorja tal-mertu (b'mod li jekk tintlaqa' toqtol l-azzjoni biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi) jew perentorja tal-ġudizzju (b'mod li jekk tintlaqa' teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża);

20. Illi t-tifsira li l-Qrati tagħna sa minn żmien ilu taw lill-kliem "eċċezzjonjiet dilatorji" li jinsabu fl-artikolu 728(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet għal dawk l-eċċezzjonijiet li jmisshom jitqajmu "*in limine litis*" u li ġeneralment jissejħu bħala 'eċċezzjonijiet preliminari'. Kif ingħad diġa', fost dawn l-eċċezzjonijiet preliminari hemm uħud li jikkwalifikaw bħala eċċezzjonijiet perentorji tal-ġudizzju u li xorta waħda huwa mistenni li jitqajmu fil-bidu tal-kawża[6] u li jitqies li min ressaqhom ikun irrinunzja għalihom jekk kemm-il darba jħalli l-kawża timxi 'l quddiem bla ma jisħaq li tingħata sentenza

[4] Art. 731 tal-Kap 12
[5] Art. 728(2) tal-Kap 12
[6] Kumm. **22.6.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Mercieca noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.790**)

dwarhom[7]. Madankollu, minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 732(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, din ir-regola ma żżommx milli xi eċċezzjonijiet 'preliminari' perentorji tal-ġudizzju jistgħu jitqanqlu wkoll fi stadju ta' appell[8];

21. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni li riedu jressqu l-appellanti ma taqax taħt waħda mill-eċċezzjonijiet perentorji li jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża. Il-fatt innifsu li l-appellanti dehrilhom li kellhom jitolbu l-permess tal-Ewwel Qorti biex tħallihom iressquha jixhed li lanqas huma ma qiesu li dik l-eċċezzjoni kienet waħda minn dawn, u dan għaliex il-permess ta' qorti għat-tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri jgħodd fil-każ ta' eċċezzjonijiet li mhumiex dawk perentorji li jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża[9]. Dan jingħad ukoll billi l-appellanti ma wrew bl-ebda mod fejn, fil-liġi, eċċezzjoni bħal dik tista' titqies li hija waħda li min-natura tagħha tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża qabel is-sentenza. Minbarra dan, l-appellanti lanqas ma taw lill-Ewwel Qorti raġuni tajba għalfejn dik l-eċċezzjoni ma kinitx jew ma messhiex tqajmet flimkien mal-eċċezzjonijiet imressqa fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali tal-imħarrkin, kif ukoll lanqas urew kif il-ħtieġa tal-eċċezzjoni nqalgħet waqt il-kawża;

22. Illi l-Qorti tqis li sostanzjalment l-Ewwel Qorti wettqet eżerċizzju xieraq u korrett tal-eżami tan-natura tal-eċċezzjoni u tal-ammissibilita' tagħha fl-istadju li fih waslet il-kawża. Jista' jkun li, bil-mod kif l-Ewwel Qorti fissret in-natura tal-eċċezzjoni bħala waħda mhix perentorja imma waħda ulterjuri fil-mertu, seta' ddaħħal f'moħħ l-appellanti l-ħsieb li l-Ewwel Qorti ma seħħilhiex iżżomm ċara l-linja li tagħraf sura ta' eċċezzjoni minn oħra. Dan jiġri minħabba li d-dispożizzjonijiet infushom tal-liġi jafu joħolqu ċertu disgwid. Madankollu, qari xieraq tal-provvediment impunjat juri sewwa x'kellha f'moħħha l-Ewwel Qorti meta qieset it-talba tal-appellanti u x'wassalha biex taqtagħha li dik l-eċċezzjoni ma setgħetx titressaq fl-istadju li ntalab li titressaq. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kellu jkun il-kejl ewlieni li wieħed irid iżomm quddiemu biex jara jekk l-imsemmi provvediment kienx iħares il-liġi u jekk kienx tajjeb fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti ħarset dan kollu;

23. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

24. Illi bit-**tieni aggravju** tagħhom l-appellanti jikkontestaw il-fehma tal-Ewwel Qorti li, bħala intervenuti fil-kawża, ma jistgħux f'dan l-

[7] Ara, fost l-oħrajn, P.A. **24.3.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Gatt*** (Kollez. Vol: **LXX.iii.475**) u App. Inf. **28.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella noe vs D'Amato*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.330**)
[8] App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta' Filarmonika "La Stella" vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)
[9] Ara App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited*** u App. Ċiv. **16.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina*** fost oħrajn

istadju jqajmu eċċezzjonijiet li mhumiex perentorji. Huma jisħqu li kejl bħal dan mogħti mill-Ewwel Qorti fil-provvediment impunjat ixejjen għal kollox il-qagħda tagħhom ta' intervenuti fil-kawża u l-fakultajiet li tagħtihom il-liġi. Huma jgħidu li l-Ewwel Qorti messha qieset il-jedd tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet u mhux biss jekk jistgħux iressqu eċċezzjonijiet ulterjuri;

25. Illi l-appellanti jargumentaw li l-jedd tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet beda għaddej minn dakinhar li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tagħhom biex jitħallew jintervjenu fil-kawża u li dan il-jedd kien jimplika l-fakulta' li jressqu kull eċċezzjoni, wkoll dawk li l-liġi tgħid li jmisshom jitressqu "*in limine litis*". Iżidu jgħidu li ma jistax ikun li parti li tidħol f'kawża minn rajha bħala intervenuta hija marbuta li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet attriċi jekk kemm-il darba biss dan iseħħilha tagħmlu fiż-żmien li jkun għaddej min-notifika tal-kawża lill-parti mħarrka;

26. Illi l-Qorti tagħraf li l-istitut tal-intervent fil-kawża jinbena fuq il-ħtieġa tal-ħeffa u t-tneħħija ta' multipliċita' ta' sentenzi, fejn irid jintwera li fi kwestjoni ġudizzjarja bejn żewġ partijiet jew aktar, terza persuna turi li għandha interess sostanzjali u mhux derivattiv[10] biex titħalla tieħu sehem, biex tistabilixxi bil-mezzi kollha legali u leċiti[11] ċerti fatti u jeddijiet li jkollha f'dak l-interess. Għalhekk, dak l-intervent jista' jseħħ mhux biss fl-interess ta' xi parti waħda (*ad adiuvandum*) jew oħra fil-kawża, iżda saħansitra kontra l-interess ta' kull waħda minnhom (*ad excludendum*)[12]. Dan huwa wieħed mill-aspetti fejn l-intervent volontarju jikkuntrasta mal-intervent koatt (is-sejħa fil-kawża) fejn il-parti hekk imsejħa tkun għall-finijiet parti sħiħa fil-kawża bħallikieku mħarrka mill-parti attriċi sa mill-bidu. Dan juri wkoll għaliex l-ispirtu wara l-intervent volontarju fil-kawża huwa dak li l-Qorti tkun tista' ssib is-sewwa kollu dwar il-jedd kontestat fil-kawża mressqa quddiemha;

27. Illi persuna li tintervjeni "*ad adiuvandum*" tal-parti mħarrka f'kawża u fil-waqt xieraq tal-mixja tagħha, tista' wkoll tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha[13]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li saħansitra fejn il-parti mħarrka f'kawża tkun waqgħet kontumaċi[14], il-parti li daħlet fil-kawża "*in statu et terminis*" kellha l-jedd mhux biss li tressaq l-atti ġudizzjarji xierqa u kompatibbli mal-istat li tkun waslet fih il-kawża meta jsir dak l-intervent, imma "*li ġġib 'il quddiem l-argumenti u r-raġunijiet tagħha, sija pure f'nota tal-*

[10] P.A. **23.11.1898** fil-kawża fl-ismijiet ***Stepton vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XVI.i.117**)
[11] App. Ċiv. **8.5.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonniċi et*** (Kollez.Vol: **XIV.i.90**)
[12] P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiak et vs Lapira et*** (Kollez. Vol: **XXV.ii.208**)
[13] App. Inf. PS **10.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Markiż Joseph P Testaferrata Bonici et vs Evelyn Micallef et*** u App. Inf. PS **26.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Avvocato Michele Martone et vs Gatt, Galea & Co. noe***, fost oħrajn
[14] Ara P.A. LFS **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Alex Azzopardi vs Anna Ellul et*** (mhix appellata)

*eċċezzjonijiet, kif ukoll li tipproduċi l-provi in sostenn ta' dak li tkun qegħda tissottometti*"[15];

28. Illi dan kollu jfisser li parti li tidħol f'kawża minn jeddha dwar interess li jolqot il-mertu tal-każ, hija mogħtija mil-liġi s-setgħat kollha mogħtija lil kull parti oħra f'dik il-kawża, imbasta b'daqshekk ma jkunx hemm waqfien fil-kawża. Dan jingħad minkejja li l-parti intervenuta minn jeddha ma tistax qatt tkun kundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża jew din tinqata' kontra l-interess li wriet li kellha fil-kwestjoni u kif ukoll lanqas tista' "tirbaħ" l-ispejjez f'każ ta' eżitu favorevoli għal dak l-interess[16];

29. Illi l-appellanti għalhekk iqisu li, hekk kif l-Ewwel Qorti tathom li jidħlu fil-kawża bħala intervenuti, tnissel favurihom jedd li huma jressqu Tweġiba Maħlufa b'kull eċċezzjoni li parti f'kawża tista' tqajjem sa mill-bidu tagħha. Huma jagħrfu wkoll li ma jistgħux iqajmu eċċezzjonijiet li dwarhom tkun ingħatat deċiżjoni: iżda, lil hinn minn hekk, jgħidu li huma jistgħu jressqu kull eċċezzjoni oħra. Biex isaħħu din il-fehma l-appellanti jistrieħu fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin f'dan ir-rigward;

30. Illi l-Qorti ma taqbilx lanqas mas-sottomissjonijiet tal-appellanti f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, l-argument tal-appellanti jmur kontra dak li tgħid il-liġi u daqstant ieħor kontra dak li għandu jinftiehem b'persuna li tintervjeni f'kawża "*in statu et terminis*". Il-liġi nnifisha trid li l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri ta' kawża li tkun miexja. Dan dejjem inftiehem li jfisser li l-intervenut jidħol f'kawża mhux bħala parti u jidħol fil-kawża fl-istadju li tkun waslet. Li kieku kellu jintlaqa' l-argument tal-appellanti, mhux biss ma tkunx qiegħda tinżamm id-distinzjoni bejn min jintervjeni f'kawża ('intervent volontarju') u min jissejjaħ f'kawża ('intervent koatt'), iżda jkun qiegħed jingħata lil min jintervjeni f'kawża benefiċċju aqwa minn min jissejjaħ f'kawża, billi tal-ewwel ma jbatix spejjeż u ma jistax ikun kundannat fl-eventwali sentenza li tingħata mqar fuq eċċezzjoni mqajma minnu nnifsu[17];

31. Illi, fit-tieni lok, ladarba skond il-liġi ingħalaq l-istadju tal-proċeduri bil-miktub, dan jorbot ukoll lill-intervenuti appellanti u lil kull min, bħalhom, jista' jagħżel li jidħol fil-kawża. Sakemm ma tinħalaqx ċirkostanza fejn, b'rieda espressa tal-liġi, dak l-istadju jerġa' jinfetaħ, ir-rimedji mogħtija mil-liġi lill-appellanti intervenuti huwa dak li jressqu atti li jiġbru fil-qosor ir-

[15] App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Stivala*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.477**) u App. Kumm. **28.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez.Vol: **LXXI.i.329)**

[16] P.A.**20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1116**)

[17] Ara App. Ċiv. **31.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar pro et noe vs Psaila*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.339)**

raġunijiet tagħhom fil-kawża[18] u li jagħmlu s-sottomissjonijiet li jidhrilhom xierqa fuq l-atti tal-kawża kif inhuma;

32. Illi, fit-tielet lok, il-Qorti tqis li hemm ċirkostanza oħra partikolari f'dan il-każ li timmilita kontra l-argument tal-appellanti. Dan jingħad għaliex l-intervent tagħhom f'din il-kawża huwa determinat mit-termini tal-klawsola tnejn (2) tal-kuntratt pubbliku tal-15 ta' Frar, 2005[19], li bih huma kisbu l-ġid tagħhom mingħand il-kumpannija konvenuta Grove Enterprises Limited. F'dak il-kuntratt, l-appellanti kisbu wkoll, fost l-oħrajn, il-jeddijiet litiġjużi f'din il-kawża "*arising from the eventual judgment of the Court of the claims and counter-claims in the Court case in the names of 'Paul Fiorentino et vs David Jones noe' (1251/94FDP) when this is a 'res judicata' and for this purpose undertake to pursue the requisite procedures to intervene in the said law suit and to follow its course*"[20]. Fil-fehma tal-Qorti, it-termini tal-imsemmija klawsola kuntrattwali llimitaw b'mod speċifiku l-jeddijiet tagħhom bħala intervenuti fil-kawża minħabba li rabtuhom mal-qagħda li sa dakinhar kienet waslet fiha l-kawża u billi l-assenjazzjoni tal-jeddijiet litiġjużi li saret mill-kumpannija mħarrka bħala awtriċi tagħhom ma setgħetx tagħtihom jeddijiet usa' minn dawk li kienet tgawdi hi fi żmien l-istess assenjazzjoni;

33. Illi, fir-raba' lok, il-Qorti tosserva wkoll li, wara li għaddew aktar minn tmien (8) snin li l-appellanti ntrabtu b'dik il-kundizzjoni, huma talbu li jintervjenu fil-kawża. Mill-atti tal-kawża joħroġ ukoll li l-appellant kien midħla ta' dak li kien għaddej fil-kawża[21]. Kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha l-appellanti naqsu li jitolbu li jitħallew jintervjenu fil-kawża[22], huwa fatt li meta għamlu din it-talba l-kawża kienet immaturat b'mod li l-istadju tal-provi kien ingħalaq u r-rapport peritali kien tressaq u nħalef. Il-Qorti hija tal-fehma li l-pretensjoni tal-appellanti li jitħallew iressqu l-eċċezzjoni (jekk mhux ukoll eċċezzjonijiet oħrajn) f'dan l-istadju tissarraf sewwasew fit-twaqqif tal-proċeduri tal-kawża li l-artikolu 960 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jridx li jiġri bl-intervent ta' persuna f'kawża, jekk mhux saħansitra f'abbuż tal-istess proċediment min-naħa tal-appellanti. L-appellanti lanqas ma jidher li jistgħu jilmentaw minn nuqqas ta' opportunita' li jressqu bl-aħjar mod il-każ tagħhom jew li jiddefendu kif jixraq l-interessi tagħhom, ladarba, kif ingħad, kienu midħla ta' dak li kien għaddej fil-kawża għal bosta snin qabel ma għażlu li jitolbu li jintervjenu "*in statu et terminis*";

[18] Art. 165 tal-Kap 12
[19] Ara Dok "2" f'paġ. 438 sa 443 tal-proċess
[20] F'paġ. 439 tal-proċess
[21] Ara verbal f'paġ. 506 tal-proċess
[22] Ċirkostanza rilevata wkoll mill-periti ġudizzjarji fir-Rapport imressaq minnhom f'§§ 18 sa 20 u 97 sa 102 f'paġġ. 387 – 8 u 422 – 4 tal-proċess

34. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa tajjeb u għalhekk mhux ser jintlaqa';

***Decide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intervenuti fil-kawża miżżewġin Calleja billi mhux mistħoqq fid-dritt u tikkonferma għal kollox il-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Novembru, 2013, **bl-ispejjeż** kontra l-istess appellanti; u

**Tibgħat l-atti** tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawża tkompli tinstema' skond l-imsemmi provvediment.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

Deputat Reġistratur
rm